

---

EBA/WRG/2013/01

12 ta' Diċembru 2013

---

# Twissija lill-konsumaturi dwar muniti virtwali

---

## Sommarju

L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) qed toħroġ din it-twissija biex tiġbed l-attenzjoni dwar ir-riskji possibbli li inti tista' tiltaqa' magħhom meta tixtri, iżżomm jew tinnegozja muniti virtwali bħal Bitcoin. Il-muniti virtwali jibqgħu jkunu fl-aħbarijiet u qed igawdu popolarità dejjem tikber.

Madankollu, jeħtieġ tkun konxju mir-riskji marbutin ma' muniti virtwali, inkluż it-telf ta' flusek. M'hemm ebda protezzjoni speċifika regolatorja li tkoprik għal telf jekk pjattaforma li tiskambja jew iżżomm il-muniti virtwali tiegħek tfalli jew ma tibqax jinnegozja.

Waqt li l-EBA attwalment qed tivvaluta l-kwistjonijiet rilevanti kollha b'rabta ma' muniti virtwali biex tidentifika jekk muniti virtwali jistgħux u għandhomx ikunu regolati u jkollhom superviżjoni, il-parir tagħna huwa li inti għandek tkun konxju mar-riskji marbutin magħhom.

## X'inhuma muniti virtwali?

Munita virtwali hija għamla ta' flus diġitali mhux regolata li ma tinħariġx jew ma tkunx iggarantita minn bank ċentrali u li tista' sservi bħala mezz ta' ħlas. Muniti virtwali jistgħu jiġu f'ħafna għamliet, li jibdeu bħala muniti f'ambjenti online ta' logħob fuq il-kompjuter u netwerks soċjali, u jiżviluppaw f'mezzi ta' ħlas aċċettat 'offline' jew 'fil-ħajja reali'. Illum huwa dejjem aktar possibbli li jintużaw muniti virtwali bħala mezz ta' ħlas għal prodotti u servizzi fi ħwienet li jbiegħu bl-imnut, ristoranti u postijiet ta' divertiment. Dawn it-tranżazzjonijiet bosta drabi ma jinkludux tariffi jew ħlasijiet oħra, u ma jinvolvux banek.

Aktar reċenti l-munita virtwali 'Bitcoin' serviet biex tikkreja ġenerazzjoni ġdida ta' muniti virtwali deċentralizzati, b'munita għal oħra li jkunu ugwali – li sikwit jissejġu wkoll muniti ('crypto'). Wara t-tkabbir tal-munita dan l-aħħar, kien għemmm għexieren ta' muniti virtwali oħra li żvolgiew u li jintużaw bħal Bitcoin.

## Kif taħdem is-sistema?

Jekk nieħdu Bitcoin bħala eżempju, muniti virtwali jistgħu jinxtraw fi pjattaforma ta' skambju bl-użu ta' munita konvenzjonali. Wara jkunu ttrasferiti għal kont Bitcoin personalizzat magħruf bħala portafoll diġitali ('digital wallet'). Bl-użu ta' dan il-portafoll il-konsumaturi jkunu jistgħu jibagħtu

Bitcoins online lil min ikun li jkun lest jaċċettahom jew li jaqlibhom f'munita konvenzjonali awtorizzata (bħall-Euro, l-Isterlina jew id-Dollaru).

Bitcoins ġodda jinħolqu online bl-użu ta' softwer intensiv għall-kompjuter magħruf bħala 'Bitcoin miners'. Dan is-softwer jippermetti lill-konsumaturi 'iħaffru' ammonti żgħar fil-munita billi jsolvu b'mod deliberat algoritmi kumplessi. Madankollu, iż-żieda fil-provvista tal-flus hija fissa u għalhekk ammonti żgħar biss jinħarġu kull tant żmien.

## Liema huma r-riskji li jeħtieġlek tkun konxju tagħhom?

L-EBA identifikat diversi karatteristiċi u riskji li inti għandek tkun konxju tagħhom meta tixtri, iżżomm jew tinnegozja muniti virtwali.

### Inti tista' titlef flusek fi pjattaforma ta' skambju

Biex tixtri muniti virtwali, inti tista' tixtri muniti direttament mingħand xi ħadd li jkunu tiegħu jew minn pjattaforma ta' skambju. Dawn il-pjattaformi aktarx li ma jkunux regolati. F'għadd ta' każijiet pjattaformi ta' skambju ma baqgħux fin-negozju jew falled – xi minn daqqiet minħabba 'hacking' minn partijiet terzi. L-EBA taf dwar konsumaturi li kontinwament jitilfu ammonti sinifikanti ta' flus miżmumin fuq dawn il-pjattaformi.

Għandek tkun konxju mill-fatt li pjattaformi ta' skambju mhumiex banek li jżommu l-munita virtwali tagħhom bħala depożitu. Jekk pjattaforma ta' skambju titlef il-flus jew tfalli, m'hemmx protezzjoni legali speċifika – pereżempju permezz ta' skema ta' garanzija ta' depożitu – li tkoprik għal telf li jiġi minn xi fondi li inti stajt żammejt fil-pjattaforma ta' skambju, anki meta l-iskambju jkun irregiſtrat ma' awtorità nazzjonali.

### Flusek jistgħu jinsterqu mill-portafoll diġitali tiegħek

Malli tixtri munita virtwali din tinħażen f'portafoll diġitali' f'kompjuter, laptop jew smart phone. Portafolli diġitali għandhom kodiċi pubblika u kodiċi privata jew password li jippermettulek ikollok aċċess għalihom. Madankollu, portafolli diġitali jistgħu jintlaħqu minn hackers. Bħal f'portafolli konvenzjonali, jistgħu, għalhekk, jinsterqu flus mill-portafoll tiegħek. Kienu rrapportati każijiet ta' konsumaturi li tilfu muniti virtwali ta' aktar minn miljun dollaru Amerikan, bi ftit tama li jintraddu.

Barra dan, jekk titlef il-kodiċi jew password għall-portafoll diġitali tiegħek, il-munita virtwali tiegħek tista' tintilef għal dejjem. M'hemmx aġenziji ċentrali li jirregiſtraw passwords jew li joħroġu oħrajn flokhom.

### M'intix protett meta tuża muniti virtwali bħala mezz ta' pagament

Meta tuża muniti virtwali bħala mezz ta' ħlas għal prodotti u servizzi inti ma tkunx protett b'xi drittijiet ta' rifużjoni skont il-liġi tal-UE offruta, pereżempju għal trasferimenti minn bank konvenzjonali jew kont ieħor ta' ħlas. Djun mhux awtorizzati jew mhux korretti minn portafoll diġitali jistgħu, għalhekk, imma mhux is-soltu, jitreggħu lura. L-aċċettazzjoni ta' muniti virtwali

minn bejjiegħa bl-imnut mhix garantita b'mod permanenti u hija bbażata fuq id-diskrezzjoni tagħhom u/jew fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistgħu jiegħfu fi kwalunkwe ħin u mingħajr perjodu ta' avviż.

### **Il-valur tal-munita virtwali tiegħek jista' jinbidel malajr, u jista' wkoll jiġi fix-xejn**

Il-prezz ta' Bitcoins u muniti virtwali oħra għola b'mod qawwi. Dan ġiegħel lil xi konsumaturi jagħżlu li jinvestu fihom. Madankollu jeħtieġ tkun taf li l-valur ta' muniti virtwali kien volatili ħafna u jista' faċilment jinżel kif ukoll jitla'. Jekk il-popolarità ta' munita virtwali partikolari tinżel, pereżempju jekk munita virtwali oħra ssir popolari, allura jista' wkoll ikun possibbli li l-valur tal-ewwel munita virtwali jinżel b'mod sever u permanenti.

Il-volatilità tal-prezz tal-muniti taffetwak jekk tixtri muniti virtwali bħala mezz ta' pagament: mhux bħal flus f'bank tradizzjonali jew f'kont ta' ħlas denominat f'munita awtorizzata, inti ma tistax tkun żgurat li l-valur tal-fondi tiegħek f'munita virtwali jibqa ftit jew wisq stabbli.

### **Tranżazzjonijiet f'munita virtwali jistgħu jintużaw ħażin għal attivitajiet kriminali, inkluż il-ħasil tal-flus**

Tranżazzjonijiet f'muniti virtwali huma pubbliċi, iżda s-sidien ta' dawn it-tranżazzjonijiet u min jirċevihom mhumiex. It-tranżazzjonijiet ġeneralment ma jkunux traċċabbli u jipprovdu lil konsumaturi ta' muniti virtwali bi grad għoli ta' anonimità. Għalhekk huwa possibbli li n-netwerk ta' muniti virtwali jintuża għal tranżazzjonijiet b'rabta ma' attivitajiet kriminali, inkluż il-ħasil tal-flus. Dan l-użu ħażin jista' jolqotok minħabba li aġenziji tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiddeċiedu li jagħlqu pjattaformi ta' skambju u ma jħallux ikollok aċċess jew tagħmel użu minn fondi li l-pjattaformi jistgħu jkunu qed iżomm għan-nom tiegħek.

### **Tista' tkun soġġett għal obligazzjonijiet ta' taxxa**

Għandek tkun taf li meta żżomm muniti virtwali inti jista' jkollok implikazzjonijiet ta' taxxa, bħal taxxa fuq il-valur miżjud jew taxxa fuq il-qligħ kapitali. Għandek tqis jekk japplikawx obligazzjonijiet ta' taxxa f'pajjiżek meta tuża muniti virtwali.

## **X'tista' tagħmel biex tiproteġi lilek innifsek?**

Nirrakkomandaw li jekk inti tixtri muniti virtwali inti għandek tkun konxju u tifhem sewwa l-karatteristiċi tagħhom. M'għandekx tuża flus 'reali' li inti ma tkunx tista' tiflaħ tiflef.

Għandek ukoll teżerċita l-istess kawtela għall-portafoll diġitali tiegħek bħalma tagħmel għall-portafoll jew portmoni konvenzjonali tiegħek. M'għandekx iżżomm ammonti kbar ta' flus fihom għal perjodu estiż ta' żmien, u kun żgur li żżommhom imħarsa u sikuri. Għandek ukoll tkun familjari mal-appartenenza, il-mudell tan-negożju, it-trasparenza u l-perċezzjoni pubblika dwar il-pjattaformi ta' skambju li inti qed tqis li tuża.